**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-3 t'Ottubru 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 50/2023 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**MC**

***Vs***

**U b'digriet tal-14 t'April 2023 gew**
**Nominati Dr Victor Bugeja u PL**
**Lindsey Anne Galea bhala Kuraturi**
**Deputati sabiex jirrapprezentaw**
**Lill-assenti MM**

**Il-Qorti:**

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attrici data 13 ta' Marzu 2023 (Vide Fol 1 et seqq) li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti izzewget lill-konvenut bir-Registru 28 t'Awwissu 2003 (Vide kopja tac-certifikat bin-numru 1516/2003 hawn anness u mmarkat Dok A);*
2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;*
3. *Illi l-esponenti kienet tircievi diversi theddid u anki garrbet aggressjoni fizika minghand il-konvenut tant illi kien hemm ukoll proceduri kontra l-konvenut (vide Dok B);*
4. *Illi l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali wara ftit xhur taz-zwieg;*

5. *Illi sussegwentement l-istess konvenut gie mkecci minn Malta kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok B;*
6. *Illi ghalhekk il-konvenut telaq minn Malta u l-esponenti qatt iktar ma kellha kuntatt mieghu u safejn taf l-esponenti huwa qatt ma rritorna lejn Malta;*
7. *Illi l-esponenti ma ghandhiex informazzjoni fejn il-konvenut qed jghix prezentament u ma ghandha l-ebda kuntatt mal-konvenut;*
8. *Illi l-esponenti tixtieq tipprocedi ghall-firda personali minn ma zewgha l-konvenut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*
9. *Illi l-partijiet ma ghandhom l-ebda assi tal-kommunjoni u lanqas djun;*
10. *Illi r-raguni ta' din it-talba hija li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut u ghalhekk ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti prevja li tigi xolta l-kommunjoni tal-akkwisti u li jsir dak kollu mehtieg konsegwenza ta' tali separazzjoni;*
11. *Illi l-esponenti giet awtorizzata biex tipprocedi b'dan ir-rikors guramentat ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti data 18 ta' Jannar 2023 fl-atti tal-ittra tal-medjazzjoni numru 70/23 (vide kopja annessa u mmakrata bhala Dok C).*

*Tghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba r-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn mal-konvenut;*
2. *Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament hati ghall-firda tal-kontendenti minhabba adulterju u abbandun u dan a tenur tal-Artikoli 38 u 41 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48 ( c ) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-itess konvenut ghandu jigi kkunsidrat hati tal-firda;*
3. *Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, sa 54 tal-Kodici Civili;*
4. *Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u kull akkwist maghmul ghandu jibqa' proprjeta' esklussiva tal-parti li tkun ghamlitu*

*u kull obbligazzjoni Assunta tibqa' a karigu tal-parti li tkun ikkuntrattatha u dan a tenur tal-Artikolu 55 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenuta huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, u tassenja porzjoni lill-attrici u porzjon lill-esponent ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-atti relattivi li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*
6. *Tiddikjara li l-konvenut ddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepexxi manteniment minghand l-esponenti;*
7. *Tikundanna lill-konvenut sabiex ihallas wahdu kwalukwe djun u krediti li hemm pendent f'ismu;*
8. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-partijiet fit-28 t'Awwissu 2003 u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*
9. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku;*
10. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi fl-14 t'April 2023 ġew nominati Dr Victor Bugeja u Lindsey Anna Galea bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti MM;

Rat id-digriet taghha tas-26 t'April 2023 (Vide Fol 28);

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Semghat ix-xhieda bil-ġurament;

Rat l-atti proċesswali kollha u id-dokumentazzjoni kollha;

Rat illi l-Kuraturi Deputati ma ressqu l-ebda provi u, jew trattazzjoni fiż-żmien mogħti lilhom minn din il-Qorti;

**Ikkonsidrat:**

**Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Provi Mresqa Minnha:**

L-attriċi xehdet quddiem din il-Qorti fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Diċembru 2023 (fol. 36 *et seq.*) fejn stqarret li hija kienet iltaqgħet mal-konvenut meta darba kienet ħarġet ma' żewġt iħbieb tagħha hawn Malta. Għamlu sentejn joħorġu flimkien imbagħad iżżewġu. Xehdet illi l-konvenut minn dejjem kien iħobb jixrob anki qabel iż-żwieġ izda dan ma kienx b'mod allarmanti. Wara z-zwieg l-intimat beda jixrob ħafna u anke kien ikun aggressiv magħha. Indunat li l-konvenut kellu mara oħra tant li kien hemm iljieli li ma kienx jagħmilhom id-dar magħha. Xehdet li l-intimat kien diġa' ser jiġi mkeċċi minn Malta tant li kienet iddeċidiet li tiżżewġu ta' malajr biex jkun jista' jibqa' Malta. L-attriċi xehdet kif kien jheddida li ser jaqtalha rasha b'sikkina tal-laħam li kien ġab miegħu mir-*restaurant* fejn kien jaħdem. Kellha *recordings* ta' dan it-theddid u hargu proċeduri kriminali kontra tieghu b'rizultat ta liema, l-intimat ġie mkeċċi mill-pajjiż.

Sabiex tikkorrobora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

1. <u>Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Immigrazzjoni</u> (fol. 6) mogħtija nhar is-7 t'April 2005 li permezz tagħha ġiet ikkonfermata l-Ordni ta' Tneħħija ta' l-20 ta' Marzu 2005 stante li kien irriżulta li l-appellant MM kien qiegħed f'Malta mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni.
2. <u>Xhieda tar-rappreżentant tal-*Bank of Valletta p.l.c.* fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar is-6 ta' Diċembru 2023</u> (fol. 37C) li permezz tagħha ġew ippreżentati

*statements* relatati ma' kont bankarju intestat f'isem l-attriċi. Ma nstabu l-ebda kontijiet konġunti jew intestati f'isem il-konvenut. Fil-kont intestat f'isem l-attriċi jidhru numru ta' trasferimenti minn kontijiet diversi għal kont tagħha li saru bejn f'Ġunju 2020 u Marzu 2022.

3. Xhieda tar-rappreżentant ta' *Transport Malta – Land Transport Directorate* fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar is-6 ta' Diċembru 2023 (fol. 37E) li xehed illi l-konvenut qatt ma kellu vetturi reġistrati f'ismu filwaqt li l-attriċi kellha tlett (3) vetturi reġistrati fuqha fi żminijiet differenti iżda fil-preżent m'għandhiex.
4. Xhieda tar-rappreżentant tal-*BNF Bank Malta p.l.c.* fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar is-6 ta' Diċembru 2023 (fol. 37G) li kkonferma li l-partijiet qatt ma kellhom transazzjonijiet ma' tali bank.
5. Xhieda tar-rappreżentant tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.* fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar is-6 ta' Diċembru 2023 (fol. 37C) li permezz tagħha ġew ippreżentati *statements* relatati ma' kont bankarju intestat f'isem l-attriċi. Ma nstabu l-ebda kontijiet konġunti jew intestati f'isem il-konvenut. Dawn ir-rendikonti juru illi minn Jannar 2019, l-attriċi bdiet tirċievi benefiċċji soċjali. Dan kien l-uniku introjtu tagħha għajr għal tlett (3) depożiti li saru minn ATMs fi Frar 2023.
6. Xhieda tar-rappreżentant tal-*APS Bank p.l.c.* fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar is-6 ta' Diċembru 2023 (fol. 37K) li kkonfermat li l-partijiet qatt ma kellhom transazzjonijiet ma' tali bank.
7. Xhieda tar-rappreżentant tal-*Jobsplus* fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar is-6 ta' Diċembru 2023 (fol. 37M) li ppreżenta rendikont tal-impjiegi tal-attriċi iżda ma nstab l-ebda record relatat mal-konvenut assenti. Ir-rendikont tal-attriċi jipprovdi li l-aħħar impjieg tal-istess attriċi kien ta' xahrejn fuq bażi *part-time* fis-sena 2006.
8. Xhieda ta' Spettur Christian Abela in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija fis-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju nhar is-27 ta' Frar 2024 (fol. 259) li kkonferma li l-aħħar record li titla' fis-sistema tal-Pulizija relatat mal-konvenut assenti tirrisali għal 2003. Wara din l-annotazzjoni formali, ma jidher xejn fir-*records* tal-Pulizija lanqas bħala movimenti.
9. Xhieda tar-rappreżentant ta' *Identita'* fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar is-27 ta' frar 2024 (fol. 262) li kkonferma li fis-sistema tagħhom ma telgħu l-ebda *records* li jirrelataw mal-konvenut assenti. L-Aġenzija żżomm *records* għal għaxar snin.
10. Xhieda tar-rappreżentant tad-Dipartiment għas-Sigurta' Soċjali fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar is-27 ta' frar 2024 (fol. 265) li kkonferma li mis-sena 2003 il-

konvenut assenti qatt ma ngħata benefiċċji soċjali. Min-naħa l-oħra, l-attriċi ilha mis-sena 2003 sa meta xehed ir-rappreżentant tirċievi benefiċċji soċjali f'assistenza soċjali, assistenza għal mard, benefiċċju tal-enerġija kif ukoll f'benefiċċji relatati ma' minuri.

**Konsiderazzjonijiet:**

**Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe" (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-**

> ***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr ir-rekwizit zmien li l-liġi tirrikjedi ghall-abbandun."***
>
> **Fil-kawża Adrea Avellino vs. Regina Avellino, insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: "*Illi dwar l-abbandun, jingħad_li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġiistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożttiva.*"**

**Ikkunsidrat:**

L-attriċi resqet quddiem din il-Qorti talba għas-separazzjoni tal-partijiet minħabba theddid u aggressjoni fiżika, adulterju u abbandun. Mill-provi mressqa mill-attriċi ġiet pprovat sodisfatt

t-tkeċċija tal-konvenut mill-pajjiż iżda mhux l-allegazzjonijiet l-oħra. La tressqu r-rapporti li saru mal-Pulizija, la ġiet ippreżentatha s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Kompetenza Kriminali u lanqas tressqu xi xhieda oħra li setgħu jikkoroboraw il-verżjoni tal-attriċi. Min-naħa l-oħra, il-provi mressqa jippruvaw l-abbandun tal-intimat stante li ghalkemm tkecca minn Malta mill-Awtoritajiet kompetenti, l-intimat dejjem seta' baqa' f'kuntatt jew jikkontribwixxi lejn martu kieku vera kien hemm interess, anke jekk barra mill-pajjiż. Għalhekk din il-Qorti hija konvinta li l-aġir tal-konvenut li wassal għat-tkeċċija tiegħu u l-abbandun tiegħu sussegwenti wassal għat-tifrik taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet. Għalhekk ġie ppruvat li l-partijiet ilhom jgħixu separati minn tal-inqas mis-sena 2005 meta tkeċċa mill-pajjiż.

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenut u tawtorizza lir-rikorrenti tgħix separatament minn mal-konvenut;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara lill-konvenut bħala unikament ħati għall-firda tal-kontendenti minħabba abbandun u dan a tenur tal-Artikolu 41 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddikjara l-2005 bħala d-data meta l-konvenut għandu jiġi kkunsidrat bħala ħati tal-firda;**
3. **Tilqa' t-tielet talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 sa 54 tal-Kodiċi Ċivili;**
4. **Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u kull akkwist magħmul għandu jibqa' proprjeta' esklussiva tal-parti li tkun għamlitu u kull obbligazzjoni assunta tibqa' a karigu tal-parti li tkun ikkuntrattatha u dan a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**
5. **Tilqa' l-ħames talba u tordna li l-vetturi kollha f'isem l-intimata jigu assenjati lilha; il-kontijiet bankarji f'isem il-mara għandhom jibqgħu fl-intier tagħhom tal-attriċi; kwalunkwe kont bankarju intestate fl-isem l-intimat jibqa' assenjat lilu;**
6. **Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara li l-konvenut ddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attriċi;**
7. **Tilqa' s-seba' talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas waħdu kwalunkwe djun u krediti li hemm pendenti f'ismu;**
8. **Tilqa' t-tmien talba u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet li ġie ċċelebrat bejn il-partijiet fit-28 t'Awissu 2003 liema zwieg igib ic-certifikat numru**

**1516/2003 u tiddikjara lill-partijiet li huma divorzjati għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi *ai termini* tal-Artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

9. **Tilqa' d-disa' talba u tordna lir-Raġistratur tal-Qorti biex fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet biex dawn jiġu reġistrati fir-Reġistru Pubbliku.**
10. **Tilqa' l-għaxar talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreġistra l-eventwali sentenza fir-Reġistru Pubbliku.**

**L-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tal-konvenut izda jithallsu provizorjament mill-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**